

Brussell, 28 ta' Settembru 2023  
(OR. en)

13532/23

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2023/0337(NLE)**

---

ACP 87  
WTO 143  
COAFR 323  
RELEX 1100

## PROPOSTA

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Settembru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 559 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn ir-Repubblika tal-Kenja, Membru tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea min-naħa l-oħra

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 559 final.

Mehmuż: COM(2023) 559 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 28.9.2023  
COM(2023) 559 final

2023/0337 (NLE)

Proposta għal

## **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn ir-  
Repubblika tal-Kenja, Membru tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant minn naħa waħda, u  
l-Unjoni Ewropea min-naħa l-oħra**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-proposta mehmuża għal Deċiżjoni tal-Kunsill tikkostitwixxi l-istrument legali għall-iffirmar tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (FSE) bejn ir-Repubblika tal-Kenja, membru tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant (EAC), minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea (UE) ("FSE bejn l-UE u l-Kenja" jew "il-Ftehim").

It-testi nnegozjati tal-FSE ġew ippubblikati u jistgħu jinstabu fuq il-link li ġej: [https://policy.trade.ec.europa.eu/eu-trade-relationships-country-and-region/countries-and-regions/east-african-community-eac/eu-kenya-agreement/text-agreement\\_en](https://policy.trade.ec.europa.eu/eu-trade-relationships-country-and-region/countries-and-regions/east-african-community-eac/eu-kenya-agreement/text-agreement_en).

Il-Ftehim għandu l-għan li jimplementa b'mod bilaterali d-dispożizzjonijiet tal-FSE bejn l-UE u l-Istati Sħab tal-EAC (il-Burundi, il-Kenja, ir-Rwanda, it-Tanzanija, u l-Uganda), l-"FSE UE-EAC", li n-negozjati għalih ġew iffinalizzati fis-16 ta' Ottubru 2014. L-UE, il-Kenja u r-Rwanda ffirmaw l-FSE bejn l-UE u l-EAC f'Settembru 2016, u l-Kenja rratifikatu fl-istess xahar. Madankollu, l-FSE reġjonali bejn l-UE u l-EAC qatt ma ġie applikat b'mod proviżorju, peress li mhux il-membri kollha tal-EAC iffirmaw u rratifikaw il-ftehim (li kien rekwiżit tal-FSE bejn l-UE u l-EAC għad-dħul fis-seħħ tiegħu).

Fi Frar 2021, is-Summit Ordinarju tal-Kapijiet ta' Stat tal-EAC iddeċieda li jippermetti lil pajjiżi individwali tal-EAC jipproċedu bl-implimentazzjoni bilaterali tal-FSE bejn l-UE u l-EAC skont il-prinċipju ta' "ġeometrija varjabbli". Fl-4 ta' Mejju 2021, il-Kenja nnotifikat lill-Kummissjoni Ewropea b'talba biex timxi 'l quddiem f'dan is-sens.

Fis-17 ta' Frar 2022, il-Viċi President Eżekuttiv Valdis Dombrovskis, f'isem l-UE, u l-Ambaxxatur Raychelld Omamo, f'isem il-Kenja, iffirmaw Dikjarazzjoni Konġunta fil-marġini tas-Summit bejn l-UE u l-Unjoni Afrikana fejn qablu li javvanzaw in-negozjati dwar l-FSE bejn l-UE u l-Kenja, li ser jibqgħu miftuħa għal Stati Sħab oħra tal-EAC.

In-negozjati li għandhom l-għan li jintroduċu l-aġġustamenti meħtieġa biex jiġu implimentati bilateralmment bejn il-Kenja u l-UE d-dispożizzjonijiet tal-FSE bejn l-UE u l-EAC ġew konklużi fl-24 ta' Mejju 2023 fil-livell tekniku, u fid-19 ta' Ġunju 2023 fil-livell politiku matul iż-żjara tal-Viċi President Dombrovskis fil-Kenja. Matul in-negozjati, il-Partijiet qablu dwar xi aġġustamenti għall-ftehim oriġinali li jaġhmluha possibbli li jiġi implimentat fuq bażi bilaterali, inkluż fil-qasam tar-Regoli tal-Orġini (RoO) u l-assistenza għall-iżvilupp. Barra minn hekk, zdieđ Anness ġdid dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli mal-Ftehim.

Il-konklużjoni prevista ta' dan il-Ftehim tasal f'mument f'waqtu.

L-ewwel nett, il-Kenja hija ekonomija li qed tikber u attur ekonomiku reġjonali ewlieni. Il-Kenja hija d-disa' l-akbar ekonomija tal-kontinent Afrikan u ċ-ċentru ekonomiku ewlieni tal-Afrika tal-Lvant. Hija kisbet tkabbir b'bażi wiesgħa b'medja ta' 4.8 % fis-sena bejn l-2015 u l-2019, u naqqset b'mod sinifikanti l-faqar, minn 36.5 % fl-2005 għal 27.2 % fl-2019. L-ekonomija wettqet irkupru qawwi wara l-pandemija tal-COVID-19, bit-tkabbir tal-PDG ipproġettat għal 5.5 % fl-2022 u r-rata tal-faqar reġgħet bdiet tonqos wara li zdieđet aktar kmieni fil-pandemija. Meta wieħed iħares 'il quddiem, it-tkabbir fuq terminu medju tal-Kenja jibqa' pożittiv skont il-Bank Dinji. Il-PDG reali huwa mistenni li jiżdieđ għal 5.0% fl-2023 u 5.2% bħala medja fl-2024–25. Dan it-tbassir tat-tkabbir qrib huwa oġhla mir-rata ta' tkabbir potenzjali tal-PDG stmata tal-Kenja ta' 4.9% u l-medja ta' qabel il-pandemija (2010–2019) ta' 5.0%. Id-dħul reali per capita huwa mistenni li jikber, u jiżdieđ minn 2.8 fil-mija fl-2022 għal 3.1%.

It-tieni nett, ir-relazzjonijiet ekonomiċi bejn l-UE u l-Kenja huma stabbiliti sew. L-UE hija t-tieni l-akbar sieħeb kummerċjali tal-Kenja. Il-kummerċ totali bejn l-UE u l-Kenja laħaq EUR 3.3 biljun fl-2022, b'żieda ta' 27% meta mqabbel mal-2018. L-importazzjonijiet tal-UE mill-Kenja huma ta' EUR 1.2 biljun u huma prinċipalment ħxejjex, frott u fjuri, bl-intenzjoni tal-Kenja li tesporta dejjem aktar oġġetti kumplessi u żżid il-valur miżjud fil-prodotti esportati. L-esportazzjonijiet tal-UE lejn il-Kenja jammontaw għal EUR 2.02 biljun u huma prinċipalment prodotti minerali, prodotti kimiċi, u makkinarju. Dawn huma kontributi importanti għall-intenzjoni tal-Kenja li tapprofondixxi s-setturi industrijali tagħha. L-UE hija l-ewwel destinazzjoni tal-esportazzjoni għall-Kenja, b'16% tal-esportazzjonijiet totali tagħha fl-2022, segwita mill-Uganda (12%) u l-Istati Uniti (8%). L-UE hija kklassifikata fit-tielet post b'10% tal-importazzjonijiet totali tal-Kenja.

Ftehim kummerċjali mal-Kenja — li jkopri l-kummerċ fil-prodotti, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp u s-sostenibbiltà — jippreserva u saħansitra jagħti spinta lis-sehem mis-suq tal-UE f'suq li qed jikber u jsaħħaħ il-pożizzjoni tal-Kenja fir-reġjun<sup>1</sup>. L-impenn tal-UE mal-Kenja jinkoraġġixxi lill-pajjiż biex jippromwovi l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ fir-reġjun tal-EAC (peress li l-Ftehim se jibqa' miftuħ għall-adeżjoni ta' Stati Sħab oħra tal-EAC).

It-tielet, minn perspettiva aktar ġeopolitika, il-Kenja għandha dejjem aktar rwol reġjonali u internazzjonali ewlieni — b'mod partikolari fil-promozzjoni tal-paċi u s-sigurtà fil-pajjiżi ġirien u fl-appoġġ tal-aġenda ta' sostenibbiltà globali. L-UE identifikat lill-Kenja bħala attur ewlieni għal aktar involviment fl-affarijiet reġjonali, b'mod partikolari fl-Etjopja u s-Sudan<sup>2</sup>. Il-Kenja tospita l-uniku kwartieri ġenerali tan-NU fil-kontinent Afrikan (il-Programm tan-NU għall-Ambjent/l-UNEP u l-Programm tan-NU dwar l-Insedjamenti Umani/UN-Habitat) u kellha siġġu temporanju fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU (2021–2022). Barra minn hekk, il-Kenja għandha rwol pijunier fl-isforzi ta' sostenibbiltà fil-kontinent Afrikan u hija alleat affidabbli fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Hija tmexxi b'mod konġunt il-Koalizzjoni tal-Ministri għall-Kummerċ dwar l-inizjattivi dwar il-Klima mnedija fl-2023 flimkien mal-UE u sħab internazzjonali oħra.

Fid-dawl tal-kuntest politiku internazzjonali attwali, il-konklużjoni f'waqtha ta' dawn in-negozjati ma' sieħeb ewlieni bħall-Kenja tibgħat ukoll sinjal qawwi tal-impenn konġunt għal sistema kummerċjali bbażata fuq ir-regoli u s-sostenibbiltà.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-oġġettivi imsemmija hawn fuq huma konsistenti mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) li jistipula li jenħtieġ li l-UE *“tinkoraġġixxi l-integrazzjoni tal-pajjiżi kollha fl-ekonomija dinjija, permezz tat-tneħħija progressiva tar-restrizzjonijiet fuq il-kummerċ internazzjonali”*<sup>3</sup>.

Il-konklużjoni ta' dan il-Ftehim hija kompletament konformi mal-ambizzjoni tal-UE li trawwem ir-relazzjonijiet kummerċjali tagħha mas-sħab Afrikani kif stabbilit fl-istrateġija tal-

---

<sup>1</sup> Matul l-2015–2019, it-tkabbir ekonomiku tal-Kenja kellu medja ta' 5.7%, li għamilha waħda mill-aktar ekonomiji li qed jikbru malajr fl-Afrika sub-Saħarjana. Il-prestazzjoni tal-ekonomija nġhatat spinta minn ambjent makroekonomiku stabbli, fiduċja pożittiva tal-investituri u settur tas-servizzi reżiljenti. (sors: Il-Bank Dinji).

<sup>2</sup> F'Mejju 2021, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Qarn tal-Afrika identifikaw lill-Kenja bħala sieħeb ewlieni biex issegwi aġenda ta' valuri u interessi kondiviżi, tipromwovi l-paċi u s-sigurtà, il-prosperità u l-istabbiltà demokratika fir-reġjun, kif ukoll il-multilateraliżmu.

<sup>3</sup> L-Artikolu 21(2)(e) TUE.

UE għall-Afrika (2020)<sup>4</sup>, ir-Rieżami tal-Politika Kummerċjali (2021)<sup>5</sup> u l-Komunikazzjoni dwar ir-Rieżami tal-Politika Kummerċjali Sostenibbli (2022)<sup>6</sup>.

B'mod partikolari, din il-proposta timplimenta l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP), minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra<sup>7</sup> ("il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE"), li jappella għall-konklużjoni ta' Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika kompatibbli mad-WTO.

Fil-fatt, dan il-Ftehim għandu l-għan li jimplimenta b'mod bilaterali d-dispożizzjonijiet tal-FSE bejn l-UE u l-EAC skont il-prinċipju ta' "ġeometrija varjabbli". Il-Ftehim se jibqa' miftuħ għall-adeżjoni ta' Stati bi Sħab oħra tal-EAC.

L-FSE bejn l-UE u l-Kenja kien ukoll espliċitament integrat bħala riżultat ewlieni tad-Djalogu Strateġiku bejn l-UE u l-Kenja, inniedi f'Ġunju 2021, u huwa komponent kruċjali tal-istrateġija ta' impenn tal-UE għall-Afrika.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-oġġettivi huma konsistenti ma' politiki oħra tal-UE, b'mod partikolari l-politiki tal-UE dwar l-iżvilupp u l-ambjent.

L-FSE tal-Kenja huwa ftehim kummerċjali orjentat lejn l-iżvilupp. Huwa joffri aċċess asimmetriku għas-suq lill-Kenja, li jippermettilha tiproteġi setturi sensittivi mil-liberalizzazzjoni; jipprovi għadd kbir ta' salvagwardji u klawsola ta' protezzjoni għall-industrija li għadha tibda; u jelimina l-użu tas-sussidji għall-esportazzjoni fil-kummerċ ta' bejn il-Partijiet. Dawn id-dispożizzjonijiet jikkontribwixxu għall-oġġettiv tal-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp u huma konsistenti mal-Artikolu 208(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Barra minn hekk, il-Ftehim jinkludi anness dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli ambizzjuż li jkopri kwistjonijiet ambjentali, soċjali, tax-xogħol, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-ugwaljanza bejn is-sessi. Għalhekk, l-oġġettivi tal-Ftehim huma konformi mal-politiki ambjentali, klimatiċi u soċjali tal-UE u mal-impenni miftiehma internazzjonalment.

## 2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

F'konformità mal-Opinjoni 2/15 dwar l-FTA bejn l-UE u Singapore tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Mejju 2017, l-oqsma kollha koperti mill-FSE jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-UE u, b'mod aktar partikolari, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 207 TFUE.

<sup>4</sup> KOMUNIKAZZJONI KONĠUNTA LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL "Lejn Strateġija komprensiva mal-Afrika", [communication-eu-africa-strategy-join-2020-4-final\\_en.pdf](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX%3A52022DC0409&qid=1656586727707) (europa.eu)

<sup>5</sup> KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĠJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Rieżami tal-Politika Kummerċjali — Politika Kummerċjali miftuħa, sostenibbli u assertiva [EUR-Lex - 52021DC0066 - EN - EUR-Lex](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX%3A52022DC0409&qid=1656586727707) (europa.eu)

<sup>6</sup> <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX%3A52022DC0409&qid=1656586727707>

<sup>7</sup> ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3 Il-Ftehim kif emendat mill-Ftehim iffirmat fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 27) u mill-Ftehim iffirmat f'Ouagadougou fit-22 ta' Ġunju 2010 (ĠU L 287, 4.11.2010, p. 3).

B'riżultat ta' dan, dan il-Ftehim għandu jiġi ffirmat mill-Unjoni skont deċiżjoni tal-Kunsill ibbażata fuq l-Artikolu 218(5) TFUE.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Dan il-FSE kif ippreżentat lill-Kunsill ma jkopri l-ebda kwistjoni li taqa' barra mill-kompetenza esklużiva tal-UE.

- **Proporzjonalità**

Il-ftehimiet kummerċjali huma l-mezzi xierqa biex jirregolaw l-aċċess għas-suq u l-oqsma relatati ta' relazzjonijiet ekonomiċi komprensivi ma' pajjiż terz barra mill-UE. Ma teżisti l-ebda alternattiva biex tali impenji u sforzi ta' liberalizzazzjoni jsiru legalment vinkolanti.

Din l-inizjattiva ssegwi direttament l-oġettiv tal-Unjoni fl-azzjoni esterna u tikkontribwixxi għall-prijorità politika tal-“UE bħala attur globali aktar b'saħħtu”. Hija f'konformità mal-orjentazzjonijiet tal-Istrateġija Globali tal-UE biex tikkooopera ma' atturi oħra u biex tagħti spinta lis-sħubijiet esterni tagħha b'mod responsabbli, sabiex jinkisbu l-prijoritajiet esterni tal-UE. Dan jikkontribwixxi għall-oġettivi tal-UE dwar il-kummerċ u l-iżvilupp.

- **Għażla tal-istrument**

Din il-proposta hija f'konformità mal-Artikolu 218(5) tat-TFUE, li jipprevedi l-adozzjoni mill-Kunsill ta' deċiżjonijiet dwar il-ksib ta' ftehimiet internazzjonali. Ma jeżisti l-ebda strument legali ieħor li jista' jintuża sabiex jintlaħaq l-oġettiv espress f'din il-proposta.

### **3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Dan il-FSE jimmira lejn l-implimentazzjoni bilaterali tad-dispożizzjonijiet ta' ftehim reġjonali ta' kummerċ ħieles diġà konkluż (il-FSE bejn l-UE u l-EAC). Huwa konformi mad-direttivi ta' negozjati aġġornati<sup>8</sup>. Għal dawn ir-raġunijiet, ir-rekwiżiti ta' Regolamentazzjoni Aħjar ma japplikawx.

Evalwazzjoni ex post tal-Ftehim tista' tkun prevista fil-futur.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux applikabbli.

F'Marzu 2023 saret preżentazzjoni tal-Anness tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli (li jikkostitwixxi n-novità ewlenija meta mqabbla mal-FSE bejn l-UE u l-EAC) għall-partijiet ikkonċernati fil-kuntest ta' Djalogo tas-Soċjetà Ċivili.

---

<sup>8</sup> ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/13 tad-19 ta' Diċembru 2019 li temenda d-direttivi ta' negozjar għan-negozjar ta' Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika mal-pajjiżi u r-reġjuni Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, sa fejn dawn jaqgħu fil-kompetenza tal-Unjoni, ĠU L6/101, 10.1.2020. [https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=uriserv%3AOJ.L\\_.2020.006.01.0101.01.ENG&toc=OJ%3AL%3A2020%3A006%3ATOC](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=uriserv%3AOJ.L_.2020.006.01.0101.01.ENG&toc=OJ%3AL%3A2020%3A006%3ATOC)

- **Ġbir u użu tal-għarfien esperti**

Mhux applikabbli.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Valutazzjoni tal-impatt mhijiex meħtieġa f'dan l-istadju. Peress li dan il-Ftehim jimmira lejn l-implimentazzjoni bilaterali tad-dispożizzjonijiet ta' ftehim reġjonali ta' kummerċ ħieles diġà konkluż (FSE bejn l-UE u l-EAC), it-tweġġ ta' valutazzjonijiet tal-impatt addizzjonali mhux meħtieġ mis-sett ta' għodod għal Regolamentazzjoni Aħjar.

Qabel, fl-2002 tnediet Valutazzjoni tal-Impatt għas-Sostenibbiltà (VIS) għall-FSE kollha. L-eżitu ta' din l-ASI kopra kemm in-negozjati, għall-Qafas tal-FSE bejn l-UE u l-EAC, konkluż fl-2007 (FEPA), kif ukoll għall-kummerċ komprensiv fi prodotti, il-FSE bejn l-UE u l-EAC konkluż f'Ottubru 2014.

Wara l-konklużjoni tal-FSE bejn l-UE u l-EAC f'Ottubru 2014, fl-2018 twettqet "Analiżi ekonomika tal-eżitu n-negozjat" biex jiġi vvalutat l-impatt ekonomiku tal-FSE bejn l-UE u l-EAC fuq il-Partijiet.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Dan il-Ftehim mhux meħtieġ għall-proċeduri REFIT; ma timplika ebda kostijiet għall-SMEs tal-Unjoni; u ma tqajmu ebda kwistjonijiet mil-lat tal-ambjent diġitali.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma taffettwax il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni.

#### **4. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAGĦIT**

Il-Kenja diġà tibbenefika mir-Regolament dwar l-Aċċess għas-Suq (MAR) li joffri aċċess għas-suq mingħajr dazju u mingħajr kwoti fl-UE bħal taħt l-FSE. Il-MAR kellu l-għan li jagħti aċċess għas-suq tal-UE lil dawk il-pajjiżi tal-AKP li għamlu sforz biex jikkonkludu, jiffirmaw u jirratifikaw FSE li eventwalment ma setax jiġi applikat proviżorjament għal raġunijiet li jmorru lil hinn mir-rieda tagħhom. Dan kien il-każ għall-Kenja bl-FSE tal-2014 bejn l-UE u l-EAC, li ma setax jiġi applikat b'mod proviżorju minħabba n-nuqqas ta' firma u ratifika tal-FSE mill-membri kollha tal-EAC.

Għalhekk, mhu se jkun hemm l-ebda implikazzjoni baġitarja minħabba li l-Ftehim se jkompli l-aċċess għas-suq tal-Kenja fl-UE bl-istess termini.

#### **5. ELEMENTI OĦRA**

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-Ftehim jinkludi dispożizzjonijiet istituzzjonali li jstabilixxu korpi ministerjali, uffiċjali għolja u tekniċi biex jissorveljaw, imexxu u jappoġġaw l-implimentazzjoni, l-operat u l-impatt tiegħu u jieħdu l-azzjoni meħtieġa.

Fil-livell ministerjali, il-Kunsill tal-FSE ser jiġi stabbilit u ser ikollu s-setgħat li jieħu deċiżjonijiet u jadotta rakkomandazzjonijiet. Se jkun assistit minn Kumitat ta' Uffiċjali Għolja fis-superviżjoni tal-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-FSE u fil-valutazzjoni tal-impatt tiegħu fuq il-partijiet.

Fil-livell tekniku, il-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja jista' jistabbilixxi kumitati speċjalizzati, sessjonijiet ta' ħidma, task forces jew korpi speċjalizzati biex jitrattaw kwistjonijiet li jirriżultaw minn dan il-ftehim. Id-dispożizzjonijiet tal-ftehim jistabbilixxu ulterjorment mad-dħul fis-seħħ Kumitat Speċjali dwar il-Faċilitazzjoni Doganali u Kummerċjali li se jimmonitorja l-implimentazzjoni u l-amministrazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-Kooperazzjoni Doganali u l-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ u r-Regoli ta' Oriġini (RoO). Barra minn hekk, se jiġi stabbilit Djalogu Komprensiv dwar il-Politika Agrikola u tal-Iżvilupp Rurali bil-kompitu li jimmonitorja l-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-kapitolu Agrikolu u jipprovi forum għall-iskambju u l-kooperazzjoni dwar il-politiki agrikoli domestiċi rispettivi tal-Partijiet. Dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli, se jitwaqqaf Kumitat Speċjali dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli mad-dħul fis-seħħ u inkarigat biex jiffaċilita, jimmonitorja u jirrevedi l-implimentazzjoni tal-anness rispettiv.

Il-Ftehim se jagħti lir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili (is-settur privat, l-assoċjazzjonijiet tan-negozju, it-trade unions, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi) rwol fl-implimentazzjoni tiegħu, inkluż dwar id-dispożizzjonijiet dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli. Se jiġu stabbiliti Gruppi Konsultattivi Domestiċi (DAGs), li jinkludu rappreżentanza bbilanċjata ta' organizzazzjonijiet indipendenti tas-soċjetà ċivili inklużi organizzazzjonijiet mhux governattivi, organizzazzjonijiet tan-negozju u ta' min iħaddem kif ukoll trade unions attivi fuq kwistjonijiet ekonomiċi, ta' żvilupp sostenibbli, soċjali, tad-drittijiet tal-bniedem, ambjentali u kwistjonijiet oħra. Huma ser jiltaqgħu regolament u jagħtu pariri lill-parti rispettiva dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim. Barra minn hekk, se jitwaqqaf Kumitat Konsultattiv — korp konsultattiv *konġunt* tas-soċjetà ċivili li fih jipparteċipaw id-DAGs — u se jassisti lill-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja bl-għan li jippromwovi d-djalogu u l-kooperazzjoni bejn ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, is-settur privat u l-imsieħba soċjali u ekonomiċi dwar kwistjonijiet li jirriżultaw mill-Ftehim.

Fl-aħħar nett, ir-Rapport Annwali tal-Kummissjoni dwar l-Implimentazzjoni u l-Infurzar se jkopri l-FSE bejn l-UE u l-Kenja mid-dħul fis-seħħ tiegħu.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Dan il-Ftehim jimmira *de facto* lejn l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-ftehim preċedenti nnegozjat mal-membri tal-EAC fl-2014. Dan jintroduċi l-aġġustamenti meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-FSE reġjonali minn membru individwali tal-EAC u huwa miftuħ għal kwalunkwe pajjiż ieħor tal-EAC biex jissieħeb fil-futur. Ġie aġġornat ukoll biex jiġi allinjat mal-isfidi attwali, bħall-promozzjoni tas-sostenibbiltà bl-inklużjoni ta' anness ambizzjuż dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli u l-aġġornament tal-kapitolu dwar il-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp.

Il-FSE bejn l-UE u l-Kenja fih dispożizzjonijiet dwar il-kummerċ fil-merkanzija, il-faċilitazzjoni doganali u kummerċjali, l-ostakli tekniċi għall-kummerċ, il-miżuri sanitarji u fitosanitarji (SPS), l-agrikoltura u s-sajd, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp, l-evitar u s-soluzzjoni tat-tilwim, u anness dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli (TSD). Il-Ftehim jinkludi wkoll żewġ Dikjarazzjonijiet Konġunti dwar l-applikabbiltà rispettivament tad-dispożizzjonijiet tat-TSD u tal-RoO.

B'mod partikolari, il-Ftehim jipprevedi:



- Tneħħija assimetrika tat-tariffi: filwaqt li l-UE tagħti aċċess ħieles għas-suq tagħha billi tneħħija t-tariffi u l-kwoti (ħlief l-armi), il-Kenja se tiftaħ is-suq tagħha gradwalment, filwaqt li tibbenefika minn perjodi tranżitorji u l-esklużjoni ta' prodotti sensitivi mil-liberalizzazzjoni.
- Applikazzjoni temporanja għall-kummerç taż-żewġ partijiet tal-RoO tar-Regolament dwar l-Access għas-Suq (li diġà japplika għall-Kenja) sakemm Protokoll ta' RoO ġdid jiġi nnegozjat mad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim u fi żmien ħames snin mill-implimentazzjoni tal-FSE. Dan il-Protokoll il-ġdid tal-RoO se jkun ibbażat fuq l-RoO tal-FSE bejn l-UE u l-EAC, kif previst mid-Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-RoO.
- Dispożizzjonijiet li jikkunsidraw il-ħtiġijiet ta' żvilupp tal-Kenja bħal salvagwardji speċjali dwar l-agrikoltura, miżuri dwar is-sigurtà tal-ikel u l-protezzjoni tal-industrija li għadha tibda.
- Dispożizzjonijiet relatati mad-dwana li għandhom l-għan li jiffaċilitaw il-kummerç, jippromwovu leġislazzjoni u proċeduri doganali aħjar, jipprovdu appoġġ lill-amministrazzjoni doganali Kenjana u jsaħħu l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet doganali.
- Dispożizzjonijiet dwar l-SPS għall-promozzjoni tal-armonizzazzjoni tal-istandards intrareġjonali u għat-tisħiħ tal-kapaċità teknika tal-Kenja.
- Kapitolu dwar il-Kooperazzjoni Ekonomika u għall-Iżvilupp b'dispożizzjonijiet li għandhom l-għan li jtejbu l-kompetittività tal-ekonomija Kenjana billi jibnu l-kapaċità tal-provvista u jassistu lill-Kenja fl-implimentazzjoni tal-FSE mingħajr xkiel. Il-kapitolu oriġinali tal-FSE tal-EAC ġie fil-biċċa l-kbira ppreservat, bl-aġġornamenti meħtieġa. Żdied Anness speċifiku għall-Kenja u l-UE u jiġbor il-bidliet fit-test tal-ftehim reġjonali.
- Anness iddedikat dwar il-kummerç u l-iżvilupp sostenibbli li jkopri x-xogħol, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, kif ukoll kwistjonijiet ambjentali u klimatiċi b'impenji vinkolanti u infurzabbli (permezz ta' mekkaniżmu speċifiku għas-soluzzjoni tat-tilwim). Il-possibbiltà li jiġu sospiżi temporanjament l-obbligi skont l-anness tat-TSD (jiġifieri jiġu imposti "sanzjonijiet") mhijiex inkluża fil-Ftehim. Madankollu, fid-Dikjarazzjoni Konġunta dwar it-TSD, l-UE u l-Kenja impenjaw ruħhom b'mod espliċitu li jkomplu n-negozjati dwar dan l-aspett fil-kuntest tal-"klawżola rendez-vous".

Dan il-Ftehim se jiġi rivedut kull ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu. It-test tal-FSE jinkludi impenn biex jiġu nnegozjati oqsma ġodda li għandhom jiġu inklużi fil-FSE ("klawżola rendez-vous"), inklużi dispożizzjonijiet dwar il-kummerç fis-servizzi, u regoli relatati mal-kummerç li jindirizzaw l-iżvilupp sostenibbli, il-politika tal-kompetizzjoni, l-investment u l-iżvilupp tas-settur privat, id-drittijiet tal-proprietà intellettwali, it-trasparenza fl-akkwist pubbliku. Ir-riżultati tan-negozjati ta' dawn l-oqsma għandhom jiġu previsti li jiżdiedu fi żmien ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn ir-  
Repubblika tal-Kenja, Membru tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant minn naħa waħda, u  
l-Unjoni Ewropea min-naħa l-oħra**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-12 ta' Ġunju 2002 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati għal Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika (FSE) mal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku.
- (2) In-negozjati bejn l-Unjoni Ewropea (UE) u l-Istati Sħab tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant ("EAC") (ir-Repubblika tal-Burundi, ir-Repubblika tal-Kenja, ir-Repubblika tar-Rwanda, ir-Repubblika Unita tat-Tanzanija, u r-Repubblika tal-Uganda) għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (FSE) ġew konklużi fl-14 ta' Ottubru 2014 u l-FSE tal-EAC ġie mibdi fis-16 ta' Ottubru 2014.
- (3) Il-Kenja rratifikat u ffirmat l-FSE bejn l-UE u l-EAC f'Settembru 2016. Biex l-FSE reġjonali jidħol fis-seħħ, il-membri kollha tal-EAC jeħtieġ li jiffirmaw u jirratifikaw il-ftehim. Sal-lum, il-firem u r-ratifika ta' tliet membri tal-EAC għadhom neqsin, u dan jipprevjeni l-ftehim reġjonali milli jidħol fis-seħħ.
- (4) Fid-19 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill aġġorna d-direttiva ta' negozjar tal-Kummissjoni tal-2002 billi inkluda l-konklużjoni ta' kapitolu dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli fil-FSE.
- (5) Fis-27 ta' Frar 2021, is-Summit tal-EAC ippermetta lill-pajjiżi individwali tal-EAC jipproċedu bl-implimentazzjoni bilaterali tal-FSE tal-EAC skont il-prinċipju ta' "ġeometrija varjabbli". Fl-4 ta' Mejju 2021, il-Kenja nnotifikat lill-Kummissjoni fejn talbet li timxi 'l quddiem f'dan is-sens.
- (6) Fis-17 ta' Frar 2022, il-Viċi President Eżekuttiv Valdis Dombrovskis, f'isem l-UE, u l-Ambaxxatur Raychelld Omamo, f'isem il-Kenja, iffirmaw Dikjarazzjoni Konġunta fil-marġini tas-Summit bejn l-UE u l-Unjoni Afrikana fejn qablu li javvanzaw in-negozjati dwar il-FSE bejn l-UE u l-Kenja ("il-Ftehim"), li se jibqa' miftuħ għal Stati bi Sħab oħra tal-EAC.
- (7) Fl-24 ta' Mejju 2023, in-negozjati għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kenja ġew konklużi b'suċċess.
- (8) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Ftehim jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data iktar tard,

## ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Il-Kummissjoni hija awtorizzata tiffirma, f'isem l-Unjoni, il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn ir-Repubblika tal-Kenja, Membru tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea, min-naħa l-oħra, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim fi stadju aktar tard.

It-test tal-Ftehim hu meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

### *Artikolu 2*

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jistabbilixxi l-istrument ta' setgħat sħaħ għall-persuna/i indikata/i min-negozjatur tal-Ftehim biex tiffirma/jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

### *Artikolu 3*

Il-Ftehim ma għandux jiġi interpretat fis-sens li jagħti xi drittijiet jew jimponi xi obbligi li jistgħu jiġu invokati direttament quddiem il-qrati jew tribunali tal-Unjoni jew tal-Istati Membri.

### *Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*